Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2024/2029(DEC)

10.2.2025

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew għas-sena finanzjarja 2023
(2024/2029(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Tomáš Zdechovský

PA_NonLegDec

OPINJONI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora dan li ġej fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li, meta mqabbel mal-2022, il-volum ta' każijiet tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) kważi rdoppja fl-2023, u laħaq 1 927 investigazzjoni attiva; ifaħħar l-attivitajiet produttivi tal-UPPE fl-2023, li kienu jinkludu 139 akkuża, 339 każ relatat mal-VAT u aktar minn 200 investigazzjoni dwar l-implimentazzjoni tan-NextGenerationEU; jinnota wkoll li l-UPPE beda jressaq aktar awturi ta' frodi tal-UE quddiem il-qrati nazzjonali;

2. Ifaħħar il-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-UPPE u l-Qorti tal-Awdituri, b'mod partikolari fl-identifikazzjoni ta' kwalunkwe suspett ta' reati kriminali li jaqgħu fil-kompetenza tiegħu u li jinvolvu lill-Istati Membri parteċipanti; 3. Jilqa' ż-żieda fl-approprjazzjonijiet għall-baġit tal-UPPE fl-2023, li tammonta għal total ta' EUR 64,6 miljun, li ppermettiet żieda ta' 11 % fil-persunal f'dik is-sena; jirrikonoxxi li l-aċċellerazzjoni tal-iżborż tan-NextGenerationEU li jiffinanzja ż-żieda rapida fl-ammont ta' xogħol tal-UPPE – bil-każijiet li żdiedu b'70 % u l-investigazzjonijiet b'58 % mill-2022 sal-2023 – u l-espansjoni tas-sħubija tiegħu huma proġettati li jkomplu jagħmlu pressjoni fuq ir-riżorsi tiegħu; jissottolinja l-importanza ta' finanzjament addizzjonali u t-tisħiħ tal-persunal tiegħu biex l-UPPE jkun jista' jiġġieled b'mod effettiv il-kriminalità organizzata, jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-UE, u jirrispetta l-istat tad-dritt, li huma prijoritajiet ewlenin tal-UE; jiddispjaċih li l-proposta tal-Kummissjoni għall-baġit tal-UPPE għall-2025 u l-pożizzjoni tal-Kunsill jonqsu milli jiżguraw biżżejjed riżorsi biex l-aġenzija twettaq il-mandat tagħha; jisħaq li l-UPPE jiġġenera redditi finanzjarji sinifikanti għall-UE, kif jidher mis-sekwestru ta' EUR 1.5 biljun fl-2023, u jitlob żieda ddedikata fil-finanzjament fi ħdan il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2028-2034 li jmiss biex jiġi żgurat li jkun jista' jkompli jissodisfa l-objettivi u l-obbligi tiegħu;

4. Jirrikonoxxi l-importanza li jintuża approċċ olistiku fil-ġlieda kontra d-delitti tal-kullar abjad, bħall-frodi u l-korruzzjoni, u tipi aktar konvenzjonali ta' kriminalità, bħat-traffikar tad-droga u t-traffikar tal-bnedmin, peress li spiss ikunu marbuta ma' xulxin; ifakkar fil-fatt li, fir-rapport ta' evalwazzjoni li jmiss tagħha, il-Kummissjoni għandha tanalizza bir-reqqa għal liema kategoriji ta' delitti għandu jiġi estiż il-mandat tal-UPPE, sabiex ikun mgħammar bl-aħjar mod biex jaqdi r-rwol tiegħu; sadanittant, il-kompetenza eżistenti tal-UPPE li jinvestiga l-kriminalità organizzata u l-ħasil tal-flus, meta marbuta ma' frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-UE, għandha tiġi appoġġjata permezz ta' riżorsi adegwati u kooperazzjoni effiċjenti mal-Europol, u janalizza kif l-operazzjonijiet u l-investigazzjonijiet tal-UPPE jistgħu jsiru aktar effiċjenti u effettivi, u jippreżenta proposta leġiżlattiva li takkumpanja l-evalwazzjoni; ifakkar, f'dan ir-rigward, fil-pjanijiet tal-Kummissarju McGrath biex jaċċellera l-evalwazzjoni;

5. Jissottolinja r-rwol essenzjali tal-irkupru tal-assi fil-ħolqien ta' deterrent kredibbli għall-kriminalità organizzata; jilqa' l-parteċipazzjoni tal-UPPE f'networks internazzjonali biex javvanza aktar l-operazzjonijiet ta' rkupru tal-assi tiegħu; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-

Kummissjoni tistieden lill-UPPE jipparteċipa fin-network ta' kooperazzjoni li għadu kif inħoloq dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi; jinnota li l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni f'waqthom u effettivi ta' reati relatati mal-frodi jistgħu jiġġeneraw iffrankar sinifikanti għall-baġit tal-Unjoni u għall-baġits tal-Istati Membri;

6. Jenfasizza r-rwol importanti tal-UPPE fl-approċċ tal-Unjoni għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-użu ħażin tal-fondi tal-Unjoni; jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu li 24 Stat Membru jipparteċipaw fl-UPPE u jistieden lill-bqija tal-Istati Membri jagħmlu dan ukoll jew jiġu mċaħħda mill-possibbiltà li jiġġestixxu l-fondi tal-UE indirettament; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib il-livell ta' kooperazzjoni tal-Istati Membri mal-UPPE f'rapporti sussegwenti u tkompli tinvolvi ruħha fi djalogu attiv mal-Istati Membri mhux parteċipanti biex tiffaċilita b'mod effettiv lill-UPPE fit-twettiq tal-kompiti tiegħu; jenfasizza l-fatt li tali djalogu għandu jibqa' għaddej mal-Istati Membri li diġà jipparteċipaw fl-UPPE fir-rigward tal-ġestjoni tad-diffikultajiet fil-ġlieda kontra l-ksur tal-istat tad-dritt u l-korruzzjoni u jappoġġjahom fl-implimentazzjoni prattika tar-rakkomondazzjonijiet f'dan ir-rigward fir-rapporti annwali dwar l-istati tad-dritt; itenni, madankollu, l-appelli tal-PE li s-sħubija fl-UPPE għandha tkun prekundizzjoni biex wieħed jirċievi fondi tal-UE u l-ħtieġa ta' espansjoni tal-mandat tal-UPPE; jilqa' l-parteċipazzjoni tal-Iżvezja u tal-Polonja fl-UPPE li ġiet ikkonfermata f'Jannar u Lulju 2024 rispettivament;

7. Jilqa' l-ħatra ta' tmien Prosekuturi Ewropej ġodda u 35 Prosekutur Delegat Ewropew ġdid għall-UPPE fl-2023; itenni li l-UPPE jista' jaqdi r-rwol tiegħu biss jekk igawdi minn indipendenza ġudizzjarja sħiħa, li tirriżulta minn proċedura ta' ħatra oġġettiva u bbażata fuq il-mertu; iħeġġeġ lill-Istati Membri jikkontribwixxu għall-indipendenza sħiħa tal-UPPE f'dak ir-rigward;

8. Iħeġġeġ kooperazzjoni kontinwa u msaħħa bejn l-UPPE u l-OLAF, f'konformità mar-regolamenti rispettivi tagħhom, u l-obbligu tal-OLAF li jirrapporta, mingħajr dewmien żejjed, suspetti ta' kuntatt kriminali lill-UPPE, sabiex ikun jista' jindirizza l-frodi, il-korruzzjoni u l-kriminalità finanzjarja li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni; jappoġġja l-iżvilupp ulterjuri ta' inizjattivi konġunti, il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-azzjonijiet koordinati bejn l-UPPE u l-OLAF, peress li tali kooperazzjoni hija vitali biex issaħħaħ il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE u l-ġlieda tal-Unjoni kontra l-kriminalità finanzjarja u tiżgura l-użu effettiv u effiċjenti tar-riżorsi tal-Unjoni.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI**

MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJON

Data tal-adozzjoni	6.2.2025
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 46 –: 13 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Magdalena Adamowicz, Giuseppe Antoci, Jaume Asens Llodrà, Nikola Bartůšek, Krzysztof Brejza, Saskia Bricmont, Jaroslav Bžoch, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lena Düpont, Marieke Ehlers, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Branko Grims, Evin Incir, Irena Joveva, Erik Kaliňák, Marina Kaljurand, Fabienne Keller, András László, Juan Fernando López Aguilar, Erik Marquardt, Michael McNamara, Birgit Sippel, Krzysztof Śmiszek, Petra Steger, Cecilia Strada, Georgiana Teodorescu, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Charlie Weimers, Sophie Wilmès, Alessandro Zan, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Fredis Beleris, David Casa, Sigrid Friis, Markéta Gregorová, Hannah Neumann, Gaetano Pedulla', Sandro Ruotolo, Oliver Schenk, Alexander Sell, Bartłomiej Sienkiewicz, Malika Sorel, António Tânger Corrêa, Marco Tarquinio, Pekka Toveri, Loránt Vincze, Petar Volgin, Axel Voss, Michał Wawrykiewicz, Lucia Yar
Membri skont l-Artikolu 216(7) tar-Regoli ta' Proċedura preżenti għall-votazzjoni finali	Bart Groothuis, Rima Hassan, Anja Hazekamp, Pär Holmgren, Sérgio Humberto, Evelyn Regner, Carla Tavares, Ingeborg Ter Laak

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

46	+
PPE	Magdalena Adamowicz, Fredis Beleris, Krzysztof Brejza, David Casa, Lena Düpont, Branko Grims, Sérgio Humberto, Oliver Schenk, Bartłomiej Sienkiewicz, Ingeborg Ter Laak, Pekka Toveri, Loránt Vincze, Axel Voss, Michał Wawrykiewicz, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský
Renew	Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sigrid Friis, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Bart Groothuis, Irena Joveva, Fabienne Keller, Michael McNamara, Sophie Wilmès, Lucia Yar
S&D	Evin Incir, Marina Kaljurand, Juan Fernando López Aguilar, Evelyn Regner, Sandro Ruotolo, Birgit Sippel, Krzysztof Śmiszek, Cecilia Strada, Marco Tarquinio, Carla Tavares, Alessandro Zan
The Left	Giuseppe Antoci, Rima Hassan, Anja Hazekamp, Gaetano Pedulla'
Verts/ALE	Jaume Asens Llodrà, Saskia Bricmont, Markéta Gregorová, Pär Holmgren, Erik Marquardt, Hannah Neumann

13	-
ECR	Charlie Weimers
ESN	Alexander Sell, Milan Uhrík, Petar Volgin
NI	Erik Kaliňák
PfE	Nikola Bartůšek, Jaroslav Bžoch, Marieke Ehlers, András László, Malika Sorel, Petra Steger, António Tânger Corrêa, Tom Vandendriessche

1	0
ECR	Georgiana Teodorescu

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni